**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Doreen Spiteri detentriċi tal-Karta ta' l-Identita' numru 167979(M)**

Kaz Nru. 1267/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Doreen Spiteri talli:

1. Fi Frar u Marzu, 2011, f'dawn il-Gżejjer, għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex ġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 56055(M), ai terminu tal-artikoli **308, 309 u 310** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi appropjat ruħha, billi dawret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' (prokura), għad-detriment ta' Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 56055(M), ai termini tal-artikolu **293** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta; u
(iii) Fl-artikolu 293 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata rregistrat ammissjoni u kkonfermat l-istess ammissjoni wara li inghatat l-opportunita' li tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant din giet sodisfjacentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghda tinstab hatja l-imputata kif ukoll il-fedina penali taghha fejn ghalkemm mtappna b'reati simili mhux xi wahda allarmanti. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-parte leza illum il-gurnata giet rizarcita fl-ammont intjier.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kapitolu IX

ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**